# Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Fl-atti tat-Talba CCT 163/20/F

**Mario Caruana**

**vs**

**Right Deal Ltd**

Illum, 17 t'Awwissu 2022

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrent nhar il-11 ta' Novembru 2020 kif ukoll id-dokumentazjoni annessa;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata fis-26 ta' Frar 2021 fejn hija kkontestat it-talba tar-Rikorrent;

Sema' x-xhieda bil-ġurament tar-Rikorrent Mario Caruana fis-seduta tat-18 t'Ottubru 2021 u ra d-dokumentazzjoni eżebita;

Sema' x-xhieda bil-ġurament ta' Alfred Bugeja in rappreżentaza tal-azjenda intimata fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2022;

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tiegħu, u kif elabora fix-xhieda tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li jiġi mħallas mill-azjenda intimata s-somma ta' mitejn Euro (€200.00) rappreżentanti dak li skont hu huwa l-valur ta' *cover* tal-plastik ta' bieba ta' *washing machine* illi kien xtara mingħand l-azjenda intimata <u>fis-sena 2017, u ċioè madwar erba snin qabel</u>. Fix-xhieda tiegħu, ir-Rikorrent jirrikonoxxi li l-*washing machine* in kwistjoni "<u>kellha garanzija ta' sentejn</u>".

Illi l-azjenda intimata, tramite x-xhieda ta' Alfred Bugeja, issostni li l-*washing machine* kienet inbiegħet lir-Rikorrent "<u>madwar ħames jew sitt snin ilu</u>", iżda madankollu, bi pjaċir, kienu offrew li jagħtuh *cover* ġdid tal-bieba b'xejn. Ġara li sussegwentament inqala' diżgwid bejn ir-Rikorrent u *delivery man* adett mal-azjenda intimata dwar *fridge* (li m'hijiex mertu ta' dawn il-proċeduri) u l-*cover* baqa' qatt ma twaħħal għax ir-Rikorrent ma bediex jiftaħ il-bieb.

Illi jirriżulta ċar, inkluż mix-xhieda tar-Rikorrent stess, li l-*washing machine* kienet koperta b'garanzija ta' sentejn u fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 78 tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta'

Malta jiddisponi li "il-bejjiegħ għandu jkun responsabbli lejn il-konsumatur għal kwalunkwe nuqqas ta' konformità eżistenti mal-konsenja tal-oġġetti u li jimmanifesta ruħu fi żmien sentejn minn dakinhar [...]";

Illi jirriżulta ċar ukoll mill-atti li l-ewwel darba li r-Rikorrent ressaq l-ilment in eżami lill-azjenda intimata kien permezz ta' korrispondenza data 22 ta' Settembru 2020. L-Avviż tat-Talba imbagħad ġie ppreżentat fil-11 ta' Novembru 2020 u ġie effettivament notifikat lill-azjenda intimata fl-1 ta' Diċembru 2020.

Illi jsegwi għalhekk mingħajr l-iċken dubju li l-azzjoni tar-Rikorrent ġiet promossa *fuori termine* u ċioè ferm aktar minn sentejn wara l-konsenja.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jiddikjara li l-azzjoni tar-Rikorrent ġiet promossa *fuori termine* u għalhekk, jiċħad it-talba.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a karigu tar-Rikorrent.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***